IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2019
COM(2019) 454 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar ikel u ingredjenti tal-ikel ittrattati b'radjazzjoni jonizzanti għas-snin 2016-2017

WERREJ

Kontenut

1. **SOMMARJU** **2**
2. **KUNTEST** **4**
3. **FAĊILITAJIET APPROVATI TA' IRRADJAZZJONI** **5**
4. **IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI MWETTQA FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI FL-2016-2017** **5**
5. **IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI FIL-FAŻI TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-PRODOTTI** **6**

1. SOMMARJU

Skont l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza[1], l-Istati Membri kull sena se jibagħtu lill-Kummissjoni:

- ir-riżultati tal-kontrolli li jwettqu fil-faċilitajiet tar-radjazzjoni jonizzanti li jinkludu, b'mod partikolari, il-kategoriji u l-kwantitajiet tal-ikel li jiġi ttrattat bir-radjazzjoni jonizzanti u d-doża li jkunu ngħatawlu, u
- r-riżultati tal-kontrolli li jitwettqu fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott.

L-Artikolu 7(4) tad-Direttiva jistipula li l-Kummissjoni għandha tippubblika, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*:

- id-dettalji tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati fl-Istati Membri, kif ukoll kull bidla fl-istatus tagħhom;
- rapport ibbażat fuq l-informazzjoni pprovduta kull sena mill-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza.

Dan ir-rapport ikopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2017. Hu jinkludi l-informazzjoni li ntbagħtet lill-Kummissjoni Ewropea minn 28 Stat Membru fl-2016 u minn 27 Stat Membru fl-2017. Malta ma ssottomettiet l-ebda *data* għas-sena 2017.

Perjodu: **01/01/2016 – 31/12/2017**

Il-pajjiżi kkonċernati: L-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi tal-EFTA

Sors: 28 Stat Membru u n-Norveġja

Il-faċilitajiet tal-irradjazzjoni:

- L-għadd ta' pajjiżi li għandhom it-tagħmir: 14-il Stat Membru u n-Norveġja
- L-għadd ta' faċilitajiet approvati: 24
- L-għadd ta' faċilitajiet magħluqa: 2
- L-għadd ta' pajjiżi li jużaw ir-radjazzjoni: 10 Stati Membri u n-Norveġja

Id-*data* tat-trattamenti:

- Il-kwantità ta' prodotti ttrattati: 10 211 tunnellata (-11,4%) meta mqabbel mal-2015, bħala medja
- Il-prodotti ewlenin li ġew ittrattati: Riġlejn iż-żrinġijiet (57 %) u ħxejjex aromatiċi mnixxfa, ħwawar u ħwawar għall-ħxejjex (20,77 %)
- Il-post ewlieni tal-irradjazzjoni: Il-Belġju (68 %) u n-Netherlands (13 %)

Il-kontrolli fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni:

- L-għadd ta' kampjuni analizzati: 11 162
- L-għadd ta' kampjuni mhux konformi: 87 (0,8%)

[1] ĠU L 66, 13.3.1999, p. 16.

– Il-prodotti ewlenin li ġew analizzati: Ħxejjex aromatiċi u ħwawar (42 %)
Ċereali, żrieragħ, ħxejjex, frott u l-prodotti tagħhom (22%)

2. KUNTEST

L-irradjazzjoni tal-ikel hija t-trattament tal-oġġetti tal-ikel permezz ta' ċertu tip ta' enerġija magħrufa bħala radjazzjoni jonizzanti. L-enerġija radjanti għandha tul ta' mewġ u gradi ta' potenza differenti u tisparixxi meta jitneħħa s-sors tal-enerġija. L-irradjazzjoni tintuża għal skopijiet fitosanitarji biex toqtol il-batterji (bħal *Salmonella, Campylobacter* u *E. coli*) li jistgħu jikkawżaw l-avvelenament mill-ikel u biex telimina organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti bħal insetti u pesti oħra. L-irradjazzjoni tintuża biex tittardja l-maturazzjoni tal-frott, biex jitwaqqaf it-tnibbit u l-ġerminazzjoni fil-ħaxix (bħall-basal u l-patata) u biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi estiża l-ħajja fuq l-ixkaffa tal-ikel. L-irradjazzjoni tal-ikel ma tistax tissostitwixxi l-immaniġġar xieraq tal-ikel u l-ikel irradjat xorta jeħtieġ refriġerazzjoni xierqa u li jissajjar qabel ma jiġi kkunsmat meta dan ikun meħtieġ.

Il-qafas regolatorju tal-UE għall-irradjazzjoni tal-ikel ("id-direttivi dwar l-irradjazzjoni tal-ikel") għalhekk jikkonsisti minn:

– Id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tijonizza Din tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-manifattura, il-kummerċjalizzazzjoni u l-importazzjoni ta' ikel u ingredjenti tal-ikel ittrattati.

– Id-Direttiva 1999/3/KE (Direttiva ta' Implimentazzjoni) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' ikel u ta' ingredjenti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti[2]. Din il-lista bħalissa tinkludi kategorija waħda ta' ikel: il-ħxejjex aromatiċi mnixxfin, il-ħwawar u l-ħwawar għall-ħxejjex. Lista ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali ta' ikel u ingredjenti tal-ikel li jistgħu jiġu ttrattati bir-radjazzjoni jonizzanti hija ppubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[3].

L-ikel u l-ingredjenti tal-ikel jistgħu jiġu trattati bir-radjazzjoni biss f'faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati. Għall-faċilitajiet fl-UE, l-approvazzjoni tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 1999/2/KE jistipula li l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-lista tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni approvati tagħhom.

Kwalunkwe ikel irradjat jew li fih ingredjenti rradjati jrid ikun ġie ttrattat (irradjat) f'faċilitajiet approvati biss. Il-lista tal-faċilitajiet tal-irradjazzjoni awtorizzati fl-Istati Membri ġiet ippubblikata mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[4].

Skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 1999/2/KE, kull ikel irradjat jew kull ingredjent tal-ikel irradjat ta' ikel kompost għandu jiġi ttikkettjat bil-kliem "irradjati" jew "trattati b'radjazzjoni li tijonizza".

[2] ĠU L 66, 13.3.1999, p. 24.

[3] ĠU C 283, 24.11.2009, p. 5.

[4] ĠU C 37, 30.1.2019, p. 6.

Sabiex jiġi infurzat it-tikkettar korrett jew biex jiġu individwati prodotti mhux awtorizzati, ġew standardizzati bosta metodi analitiċi mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN), wara mandat mogħti lilu mill-Kummissjoni Ewropea.

3. FAĊILITAJIET APPROVATI TA' IRRADJAZZJONI

Issa hemm 24 faċilità ta' irradjazzjoni fl-UE. Fl-2015 ingħalqu żewġ faċilitajiet tal-irradjazzjoni li qabel kienu approvati.

Il-faċilitajiet jinsabu f'14-il Stat Membru: ħamsa fi Franza, erbgħa fil-Ġermanja, tnejn fil-Bulgarija, fin-Netherlands u fi Spanja, u waħda fil-Belġju, fir-Repubblika Ċeka, fil-Kroazja, fl-Estonja, fl-Italja, fl-Ungerija, fil-Polonja, fir-Rumanija u fir-Renju Unit.


Minn dawk l-14-il Stat Membru mgħammra b'faċilitajiet tal-irradjazzjoni, il-Bulgarija, l-Italja, ir-Rumanija u r-Renju Unit ma rradjaw l-ebda oġġett ta' ikel fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport.

4. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI MWETTQA FIL-FAĊILITAJIET TAL-IRRADJAZZJONI FL-2016-2017

Kwantità totali ta' 10 211 tunnellata ta' prodotti ġew trattati bl-irradjazzjoni jonizzanti fl-Istati Membri tal-UE waqt is-snin 2016 u 2017. It-trattament sar prinċipalment f'żewġ Stati Membri: Il-Belġju, li tratta żewġ terzi tal-ikel irradjat tal-UE (68 %), u n-Netherlands (13%).


Iż-żewġ prodotti ewlenin ittrattati bir-radjazzjoni fl-UE huma riġlejn iż-żrinġijiet (*ca* 57 %) u l-ħxejjex aromatiċi mnixxfin, il-ħwawar u l-ħwawar għall-ħxejjex (*ca* 21 %). Il-Figura 1 turi d-distribuzzjoni tal-prodotti rradjati f'faċilitajiet approvati fl-Istati Membri tal-UE fl-2016 u l-2017.

Il-**Figura** 1 — Id-distribuzzjoni, skont il-kategorija, tal-oġġetti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni fl-UE fl-2016-2017



Il-kwantitajiet ta' oġġetti tal-ikel (f'tunnellati) ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti fl-UE qed jonqsu sa mill-2010 kif muri fil-Figura 2.


Il-**Figura 2** — Kwantitajiet ta' oġġetti tal-ikel ittrattati bir-radjazzjoni jonizzanti fi stabbilimenti approvati fl-Unjoni Ewropea sa mill-2010.



5. IR-RIŻULTATI TAL-KONTROLLI FIL-FAŻI TAL-KUMMERĊJALIZZAZZJONI TAL-PRODOTTI

Għall-perjodu 2016–2017, 11 162 kampjun ġew analizzati minn 24-il Stat Membru, jiġifieri b'mod ġenerali 7,02 % inqas mill-medja fl-2015. Id-*data* għal kull Stat Membru hija disponibbli fl-Anness II u spjegata fil-qosor fil-Figura 3.

Il-**Figura 3 —** Il-kampjuni analizzati fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti f'kull Stat Membru fl-2016-2017




Ħames pajjiżi (erba' Stati Membri u n-Norveġja) ma wettqu l-ebda kontrolli analitiċi fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodott fl-2016–2017 minħabba restrizzjonijiet baġitarji (il-Kroazja (2016), id-Danimarka (2017) u n-Norveġja (2016 u 2017)), in-nuqqas ta' kapaċità tal-laboratorji (l-Estonja u Ċipru (2016, 2017) jew prijoritajiet oħra ta' kontroll (l-Iżvezja (2016, 2017). Malta ma rrappurtat l-ebda kampjun fl-2017.

Minn total ta' 11 162 kampjun, 87 ma kinux konformi (0,8 %) u 113 kampjun (1 %) ma wasslux għal riżultati konklużivi. In-nonkonformità osservata kienet tikkonsisti f'tikkettar skorrett u irradjazzjoni pprojbita. Il-perċentwal ta' nuqqas ta' konformità kien inqas minn dak tar-rapport preċedenti.

Fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni, kif muri fil-Figura 4, il-maġġoranza tal-prodotti analizzati kienu "ħxejjex aromatiċi u ħwawar" (42 %) u "ċereali, żrieragħ, ħxejjex, frott u l-prodotti tagħhom" (22 %). Taħt il-kategorija "Oħrajn" (supplimenti tal-ikel u soppa u zlazi) il-perċentwal kien ta' 17 %.

Il-**Figura 4** — Il-kategorija tal-**Oġġetti tal-ikel** analizzati fil-fażi tal-kummerċjalizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea fl-2016-17.


Cereals, seed, vegetables, fruit and their products 22%
Other 17%
Fish, crustaceans, shellfish and their products 11%
Meat and meat products 6%
Milk and milk products 2%
Herbs and spices 42%